



UNJONI EWROPEA

IL-PARLAMENT EWROPEW

IL-KUNSILL

Brussell, 23 ta' Settembru 2026
(OR. en)

2025/0380(COD)

PE-CONS 47/26

CLIMA 354
ENV 820
ENER 443
TRANS 453
COMPET 843
ECOFIN 900
CODEC 1310

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 fir-rigward tar-riżerva tal-istabbiltà tas-suq għas-setturi tal-bini, tat-trasport bit-triq u oħrajn addizzjonali

DEĊIŻJONI (UE) 2026/...
TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

ta' ...

li temenda d-Deċiżjoni (UE) 2015/1814
fir-rigward tar-riżerva tal-istabbiltà tas-suq
għas-setturi tal-bini, tat-trasport bit-triq u oħrajn addizzjonali

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 192(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew¹,

Wara li kkonsultaw lill-Kumitat tar-Regġuni,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja²,

¹ ĠU C, C/2026/1968, 28.4.2026, ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2026/1968/oj>.

² Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Settembru 2026 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-deċiżjoni tal-Kunsill ta' ...

Billi:

- (1) Il-Ftehim ta' Pariġi, adottat fit-12 ta' Diċembru 2015 skont il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (il-“Ftehim ta' Pariġi”)³, daħal fis-seħħ fl-4 ta' Novembru 2016. Il-Partijiet għall-Ftehim ta' Pariġi qablu li jżommu ż-żieda fit-temperatura medja globali ferm taħt 2 °C 'il fuq mil-livelli preindustrijali u jagħmlu sforzi biex jillimitaw iż-żieda fit-temperatura għal 1,5 °C 'il fuq mil-livelli preindustrijali.
- (2) Il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-12 ta' Diċembru 2019 japprovaw l-oġettiv li tinkiseb Unjoni newtrali għall-klima sal-2050, f'konformità mal-oġettivi tal-Ftehim ta' Pariġi.

³ ĠU L 282, 19.10.2016, p. 4.

- (3) Id-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴ stabbiliet riżerva tal-istabbiltà tas-suq li timmitiga r-riskju ta' żbilanċi bejn il-provvista u d-domanda assoċjati mal-bidu tas-sistema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet għas-setturi tal-bini, tat-trasport bit-triq u oħrajn addizzjonali introdotti bid-Direttiva (UE) 2023/959 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵, kif ukoll li tagħmilha aktar reżistenti għax-xokkijiet fis-suq.
- (4) L-analiżi mwettqa tal-funzjonament mistenni tar-riżerva tal-istabbiltà tas-suq, li qieset l-informazzjoni reċenti, tindika li emendi mmirati ta' xi parametri jikkontribwixxu għat-titjib tal-prevedibbiltà tas-suq u għall-istabbiltà tal-movimenti tal-prezzijiet fl-ewwel snin tas-sistema l-għdida għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet.

⁴ Id-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ottubru 2015 dwar l-istabbiliment u l-funzjonament ta' riżerva tal-istabbiltà tas-suq għall-iskema ta' negozjar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tal-Unjoni u li temenda d-Direttiva 2003/87/KE (ĠU L 264, 9.10.2015, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2015/1814/oj>).

⁵ Id-Direttiva (UE) 2023/959 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 2023 li temenda d-Direttiva 2003/87/KE li tistabbilixxi sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra għewwa l-Unjoni u d-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 dwar l-istabbiliment u l-funzjonament ta' riżerva tal-istabbiltà tas-suq għas-sistema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tal-Unjoni (ĠU L 130, 16.5.2023, p. 134, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2023/959/oj>).

- (5) L-ilħuq tal-miri klimatiċi tal-Unjoni se jirrikjedi li investiment pubbliku u privat sostanzjali fil-livell tal-Unjoni u tal-Istati Membri jkun ddedikat għal miżuri ta' tranżizzjoni klimatika u enerġetika fis-setturi tal-bini u tat-trasport bit-triq, bi kriterji addizzjonali ta' investiment ekoloġiku pproġettati sal-2030. Jenkter li l-miżuri nazzjonali komplementari jikkumpanjaw is-sistema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet għas-setturi tal-bini, tat-trasport bit-triq u oħrajn addizzjonali. Dan jippermetti lill-unitajiet domestiċi u lill-utenti tat-trasport jirrispondu b'mod effettiv billi jagħmlu tranżizzjoni għal alternattivi nodfa għat-tisħin u għat-trasport bit-triq. F'konformità mal-Artikolu 30d(6) tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶, jenkter li l-Istati Membri jonfqu d-dħul mill-irkant mill-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet għas-setturi tal-bini, tat-trasport bit-triq u oħrajn addizzjonali għall-finijiet relatati mal-klima u mal-enerġija speċifikati għas-sistema eżistenti għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet, filwaqt li jagħtu prijorità lil attivitajiet li jistgħu jikkontribwixxu biex jiġu indirizzati l-aspetti soċjali tas-sistema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet fis-setturi tal-bini, tat-trasport bit-triq u oħrajn addizzjonali, jew għal miżuri li speċifikament jindirizzaw it-tfassil relatat għal dawk is-setturi, inkluż għall-kontribuzzjoni nazzjonali għall-kostijiet totali stmati tal-Pjan Soċjali għall-Klima f'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) 2023/955 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁷.

⁶ Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni u li temenda d-Direttiva 96/61/KE (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2003/87/oj>).

⁷ Ir-Regolament (UE) 2023/955 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 2023 li jistabbilixxi Fond Soċjali għall-Klima u li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1060 (ĠU L 130, 16.5.2023, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2023/955/oj>).

- (6) Sabiex tiżdied il-prevedibbiltà tas-suq fit-tul, jenħtiegħ li l-kwoti li jkunu tqiegħdu fir-riżerva tal-istabbiltà tas-suq għas-setturi tal-bini, tat-trasport bit-triq u oħrajn addizzjonali u li ma ġewx rilaxxati jibqgħu validi wara l-31 ta' Diċembru 2030.
- (7) F'każ li l-għadd totali ta' kwoti fiċ-ċirkolazzjoni jilħaq livell ta' inqas minn 260 miljun kwota, rilaxx aktar gradwali u reattiv tal-kwoti jikkontribwixxi biex ikomplu jittejbu l-istabbiltà u l-prevedibbiltà tas-suq għall-parteċipanti fis-suq. Għalhekk, jenħtiegħ li l-mekkaniżmu ta' rilaxx iqis id-differenza bejn l-għadd totali ta' kwoti fiċ-ċirkolazzjoni u l-limitu aktar baxx.
- (8) Sabiex tkompli tittejjeb ir-reattività tiegħu għal fluttwazzjonijiet mhux ġustifikati tal-prezzijiet u sabiex tiżdied il-prevedibbiltà tas-suq, jenħtiegħ li l-mekkaniżmu għat-tisħiħ tal-istabbiltà tal-prezzijiet fl-ewwel 3 snin tas-sistema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet għas-setturi tal-bini, tat-trasport bit-triq u oħrajn addizzjonali jissaħħaħ bir-reqqa. Dak jista' jinvolvi r-rilaxx ta' volum oġġla ta' kwoti fis-suq mingħajr dewmien. Jekk dak il-mekkaniżmu jiġi applikat darbtejn matul l-istess perjodu ta' 12-il xahar, jenħtiegħ li r-rilaxx addizzjonali jseħħ darbtejn.

- (9) Is-sistema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet għas-setturi tal-bini, tat-trasport bit-triq u oħrajn addizzjonali u l-miżuri nazzjonali tal-Istati Membri f'dawk is-setturi jsaħħu lil xulxin b'mod reċiproku. Bidu gradwali u bla xkiel ta' dik is-sistema l-għdida għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet jappoġġa l-implimentazzjoni f'waqtha tal-miżuri tal-Istati Membri biex tinkiseb il-mira klimatika tal-Unjoni għall-2030, filwaqt li jiżgura tranżizzjoni soċjalment ġusta u jevita impatti bla bżonn fuq il-prezzijiet għall-unitajiet domestiċi u l-utenti tat-trasport vulnerabbli. Għalhekk, fir-rapport tagħha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tas-sistema l-għdida għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet fil-kuntest tar-rieżami skont l-Artikolu 30i tad-Direttiva 2003/87/KE, il-Kummissjoni, kif xieraq, se tinkludi valutazzjoni bir-reqqa tal-mekkaniżmi tal-istabbiltà tal-prezzijiet skont l-Artikolu 30h ta' dik id-Direttiva u tal-applikazzjoni tar-regoli tar-riżerva tal-istabbiltà tas-suq għas-setturi tal-bini, tat-trasport bit-triq u oħrajn addizzjonali skont id-Deċiżjoni (UE) 2015/1814, biex kemm l-integrità ambjentali kif ukoll il-ġustizzja soċjali jiġu żgurati. Ir-rieżami għandu jqis b'mod partikolari l-funzjonament tal-miżura tal-prezzijiet eċċessivi bil-għan li tiżdied iċ-ċertezza għaċ-ċittadini li l-prezz tal-karbonju fl-ewwel snin tal-operat ta' dik is-sistema l-għdida għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ma jaqbiżx il-livell skont l-Artikolu 30h tad-Direttiva 2003/87/KE, u jekk dik il-miżura għandhiex titkompla wara l-2029.

- (10) Minħabba li l-objettivi ta' din id-Direttiva, jiġifieri li tissaħħaħ ir-riżerva tal-istabbiltà tas-suq tas-sistema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet għas-setturi tal-bini, tat-trasport bit-triq u addizzjonali b'mod partikolari billi tittejjeb ir-reattività tas-sistema u tizzied l-istabbiltà tas-suq, ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda pjuttost jistgħu, minħabba l-iskala jew l-effetti tal-azzjoni, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Deċiżjoni ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu dawk l-objettivi.
- (11) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 tiġi emendata skont dan,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1
Emendi għad-Deċiżjoni (UE) 2015/1814

Id-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 hija emendata kif ġej:

(1) L-Artikolu 1a huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 3, it-tieni sentenza hija mħassra;

(b) paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“4. Il-Kummissjoni għandha tippubblika l-għadd totali ta' kwoti fiċ-ċirkulazzjoni koperti mill-Kapitolu IVa tad-Direttiva 2003/87/KE kull sena, sal-1 ta' Ġunju tas-sena sussegwenti, separatament mill-għadd ta' kwoti fiċ-ċirkulazzjoni skont l-Artikolu 1(4) ta' din id-Deċiżjoni. L-għadd totali ta' kwoti fiċ-ċirkolazzjoni skont dan l-Artikolu f'sena partikolari għandu jkun l-għadd kumulattiv ta' kwoti koperti minn dak il-Kapitolu maħruġa fil-perjodu, neqsin it-tunnellati kumulattivi tal-emissjonijiet ivverifikati koperti minn dak il-Kapitolu għall-perjodu bejn l-1 ta' Jannar 2028 u l-31 ta' Diċembru ta' dik l-istess sena partikolari u kwalunkwe kwota koperta minn dak il-Kapitolu kkanċellata f'konformità mal-Artikolu 12(4) tad-Direttiva 2003/87/KE. L-ewwel pubblikazzjoni għandha sseħħ sal-1 ta' Ġunju 2028.”;

(c) fil-paragrafu 5, jiżdied is-subparagrafu li ġej:

“Fi kwalunkwe sena partikolari, jekk l-għadd totali ta’ kwoti fiċ-ċirkolazzjoni jkun bejn 210 miljun u 260 miljun, għandhom jinħarġu kwoti addizzjonali mir-riżerva. L-ammont addizzjonali għandu jiġi kkalkolat billi jittieħdu 100 miljun u jitnaqqas id-doppju tad-differenza bejn l-għadd totali ta’ kwoti fiċ-ċirkolazzjoni u 210 miljun. Dak l-ammont addizzjonali għandu jiżdied mal-kwantità ta’ kwoti li għandhom jiġu rkantati mill-Istati Membri skont l-Artikolu 10(2) tad-Direttiva 2003/87/KE mill-1 ta’ Settembru ta’ dik is-sena.”;

(d) il-paragrafu 7 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“7. Il-volumi li jridu jiġu rilaxxati mir-riżerva f’konformità mal-Artikolu 30h tad-Direttiva 2003/87/KE għandhom jiżdiedu mal-kwantità ta’ kwoti koperti mill-Kapitolu IVa ta’ dik id-Direttiva li jridu jiġu rkantati mill-Istati Membri skont l-Artikolu 30d ta’ dik id-Direttiva. Fil-każ li l-kwoti jiġu rilaxxati mir-riżerva f’konformità mal-Artikolu 30h(2) tad-Direttiva 2003/87/KE, għandhom jiżdiedu 20 miljun kwota oħra mal-ammont li jrid jiġi rilaxxat mir-riżerva.”; Il-volumi li jridu jiġu rilaxxati mir-riżerva għandhom jiġu distribwiti b’mod ugwali matul perjodu ta’ tliet xhur, li jibda mhux aktar tard minn xahrejn wara d-data li fiha l-kundizzjonijiet ġew sodisfatti skont il-pubblikazzjoni f’dak ir-rigward f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* skont l-Artikolu 30h(8) tad-Direttiva 2003/87/KE.”;

(2) fl-Artikolu 3, jiżdied il-paragrafu li ġej:

“Fir-rigward tal-Artikolu 1a ta’ din id-Deċiżjoni, ir-rieżami msemmi fl-ewwel paragrafu ta’ dan l-Artikolu għandu jqis l-għadd ta’ kwoti li jifdal filwaqt li jqis kemm l-integrità ambjentali kif ukoll il-ġustizzja soċjali.”.

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi ...,

Għall-Parlament Ewropew

Il-President

Għall-Kunsill

Il-President
